Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-17 ta' Marzu 2011 — Baumann

(Kawża C-309/07 INT)

"Proċedura — Talba għal interpretazzjoni — Inammissibbiltà"

Proċedura — Interpretazzjoni ta' sentenza — Talba għall-interpretazzjoni ta' sentenza mogħtija fi proċedura għal deċiżjoni preliminari — Inammissibbiltà (Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 43; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 92(1)) (ara l-punti 5, 8)

Suġġett

Talba għall-interpretazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tad-19 ta' Marzu 2009, fil-Kawża C-309/07, Baumann.

Dispożittiv

1) It-talba għal interpretazzjoni hija miċħuda.

2) Baumann GmbH għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-17 ta' Marzu 2011 — Il-Kummissjoni vs Il-Polonja

(Kawża C-326/09)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2004/113/KE — Politika soċjali — Ugwaljanza fit-trattament bejn in-nisa u l-irġiel — Aċċess għal merkanzija u għal servizzi u provvista ta' merkanzija u ta' servizzi — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst"

1. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Prova tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Oneru tal-Kummissjoni (Artikolu 258 TFUE) (ara l-punt 18)*

2. *Atti tal-istituzzjonijiet — Direttivi — Implementazzjoni mill-Istati Membri — Traspożizzjoni ta' direttiva mingħajr azzjoni leġiżlattiva (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE) (ara l-punt 22)*

3. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 258 TFUE)*

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta jew jinnotifika, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE, tat-13 ta' Diċembru 2004, li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi (ĠU L 153M, p. 294) (ara l-punti 24, 25)

Dispożittiv

1) Billi ma adottatx, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE, tat-13 ta' Diċembru 2004, li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

2) Ir-Repubblika tal-Polonja hija kkundannata għall-ispejjeż.